# DAR L-ARMAR
## ĠUŻEPPI U MARIJA GRECH

Propju il-festa 2008 ser tibqa' mnaqqxa fl-istorja parrokkjali tal-Parroċċa taż-Żejtun bl-inawgurazzjoni w it-tberiek ta' Dar l-Armar Ġużeppi u Marija Grech ġewwa Triq Santu Wistin fil 31 ta' Mejju 2008.
Il-ħtieġa ta' post akbar, aktar adegwat u modern għal armar tal-festa ta' Santa Katarina kien ilu jinħass għal tul ta' żmien mhux ħażin, iżda għalkemm ix-xewqa kienet ilha tinħass mhux ħażin, fir-realta' kienet tidher bħala ħolma li forsi kienet impossibli li xi darba tista titwettaq. Il-post fejn sal-llum kien qed jintuża bħala maħżen għal armar kien għal diversi snin jitqies bħala indispensabbli sabiex l-uffiċċju parrokkjali jkun jista jespandi, minħabba li x-xogħol f'dan l-uffiċċju kien ta' kull sena qed jiżdied. Matul l-aħħar 30 sena saru diversi altereżazzjonijiet fil-bini sabiex wieħed ikun jista jisraq xi ftit aktar spazju, iżda iddur fejn iddur dejjem issib il-limitazzjoni tal-post.
Wara li l-parroċċa wirtet fond fi triq Santu Wistin, l-Arċipriet ħabrieki Dun Eric Overend mill-ewwel ħareġ bl-idea li dan il-post jista jkun konvertit f'maħżen għal armar u b'hekk il-post fejn illum huwa okkupat bl-armar tal-festa jkun jista jiġi utilizat fl-estensjoni tal-Uffiċċju Parrokkjali.
Sa mill-ewwel darba li l-Arċipriet uriena l-ħsibijiet tiegħu aħna konna konxji li wara tant snin, il-ħolma tagħna setgħet fl-aħħar issir realta'. Flimkien ma' l-Arċipriet u l-Perit Joseph Magro A&CE, fassalna pjanta ta' kif l-aħjar kellu jinbena dan il-maħżen. Wara li intalbu l-permessi meħtieġa mill-Awtorita dwar l-Ippjanar u l-Ambjent u dawn ġew approvati ix-xogħol inbeda mingħajr wisq telf ta' żmien.
Konxji mill-limitazzjonijiet finanzjarji tal-parroċċa, aħna konna fiduċjuħżi li lkoll flimkien kellna r-riżorsi meħtieġa biex nidħlu għal dan il-proġett u filwaqt li jkollna sodisfazzjon personali għax-xogħol tagħna nkunu, bil-volontarjat tagħna, qed ngħinu lil parroċċa tiżviluppa l-missjoni tagħha.
Kien id-19 ta' Marzu 2007 meta bdejna l-ewwel xogħlijiet tagħna sabiex inwaqqgħu l-post l-antik. B'enerġija u kontinwita' bdejna niltaqgħu ta' kuljum, wara l-ġurnata tax-xogħol tagħna, u nistinkaw sabiex nwettqu dak li konna dħalna għalih minn rajna. Ġimgħa wara l-festa tas-sena 2007, waqqajna il-faċċata tal-post il-qadim u bdejna nnadfu l-art sabiex inkunu nistgħu nfasslu l-pedamenti u nibdew nibnu. Ix-xogħol tal-bini beda tiela ġmielu u f'inqas minn 5 xhur ta' xogħol, mingħajr waqfien, ix-xogħol tal-bini kien komplut. Għ alkemm il-mira tagħna kienet li nlestu x-xogħol tal-bini ta' lanqas sa Diċembru, fil-25 ta' Novembru 2007 stajna nagħmlu l-ewwel open day, fejn diversi persuni setgħu jiġu u jaraw b'għajnejhom il-progress kbir li kien sar.
Kien fadal ħafna u ħafna xogħol x'jsir sabiex il-maħżen jigi ffinalizzat. Bl-istess enerġija ta' qabel, komplejna x-xogħol kollu meħtieġ sabiex ngħaddu s-servizzi, tad-dawl, l-ilma u d-drenaġġ, niksu il-ħitan minn ġewwa u minn barra, nbajdu kullimkien, waħħalna l-madum fis-sular kollu ta' fuq, fuq ir-raff li sar fis-sular terran u fil-kamra ta' fuq il-bejt, ksejna bil-madum iż-żewġ toilets li saru, kaħħalna il-faċċata fuq il-fiel u ksejna it-turġien bil-granit.
Għamilna wkoll ħafna xogħol ieħor konness ma' l-ippustjar ta' l-armar. Fost dawn għamilna traveler matul is-sular terran, b'winch tad-dawl sabiex jiffaċilita x-xogħol tagħna, races mas-saqaf sabiex fuqhom jiġu mdendla l-pilandri tal-pjazza, diversi rakkijiet tal-ħadid, sabiex jintrefgħa l-armar fuqhom kif ukoll diversi karrijiet bir-roti sabiex l-armar ikun merfugħ aktar b'mod komdu w ordnat.
B'sodisfazzjon kbir inħossu li wara sena, li fiha stinkajna kemm flaħna sabiex inlestu dan il-maħżen minn kollox, nistgħu ngħidu li rnexxilna nlestu fil-ħin sabiex wara l-festa ta' din is-sena, l-armar kollu jiġi merfugħ f'dan il-maħżen spazjuż u modern, u filwaqt li nnaqsu ħafna mit-tbatija fiżika li konna inħabbtu wiċċna magħha fl-imgħoddi, ikollna l-armar kollu miġbur f'post wieħed b'mod ordnat. Barra minn hekk wara Ġunju 2008 inkunu għamilna l-wisa' meħtieġa sabiex ikun jista jinbeda x-xogħol ta' estenzjoni fuq l-uffiċċju parrokkjali.
Mingħajr ebda dubju, l-ewwel u qabel kollox irridu nižżu ħajr lil maħbub Arċipriet Fr Eric Overend li mhux biss kien hu li bil-ħidma sfieqa tiegħu wettaq proġett hekk meħtieġ, iżda kien hu wkoll li stimulana fil-ħ idma volontarja tagħna. Ta' sikwit matul is-sena kien iżurna waqt ix-xogħol tagħna u bil-ħlewwa tiegħu kien jkompli jinkarraġina u jqawwilna qalbna sabiex inkomplu naħdmu b'sodisfazzjon. Irridu wkoll nirringrazzjaw lil dawk kollha li għenuna fix-xogħol tagħna, kemm fiżikament kif ukoll dawk li nkoraġġewna fil-ħ idma tagħna. Nirringrazzjaw ukoll lil dawk kollha li mingħandhom xtrajna il-materjal meħtieġ, għax kienu pronti qdewna f'kull ma kellna bżonn b'mod malajr u dan ma tellef xejn mill-kontinwazzjoni tax-xogħol. Grazzi speċjali lil membri kollha li b'xi mod jew ieħor middu jdejhom f'dak kollu li sar kif ukoll lil ġirien tagħ na li mhux biss ħadu paċenzja bina, iżda għenuna kif setgħu waqt ix-xogħol tagħna.
Tabilħaqq ma' tistax ma tħossx arja ta' sodisfazzjon meta tħares lura lejn sena daqstant impenjattiva. Sena li fiha mhux biss ħdimna flimkien għal għan wieħed imma konna aktar qrib xulxin u ferħana. Żgur li matul iż-żmien li għad irid jiġi, x-xogħol kollu li wettaqna flimkien b'risq il-parroċċa, ser ikompli jitgawda mhux biss minnha iżda wkoll mill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.






